MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR. ANTONIO MICALLEF TRIGONA

Seduta tas-17 ta' Dicembru, 2007

Numru 389/2007

Il-Pulizija
(Spettur Angelo Gafa')
Vs
John Mary Gauci

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi migjuba kontra l-imputat detentur ta' karta ta' identita' numru 134556(M), akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, fit-18 ta' Ottubru 2006, b'mezzi kontra l-ligi jew billi ghamel uzu ta' ismijiet foloz, jew ta' kwalifiki foloz, jew billi nqeda b'qerq iehor, ingann, jew billi wera haga b'ohra sabiex iggieghel titwemmen l-ezistensa ta' intraprizi foloz, jew ta' hila, setgha fuq haddiehor, jew ta' krediti immaginarji, jew sabiex iqanqal tama jew biza' dwar xi grajja kimerika, ghamel qligh ta' mija u tmienja u sebghin liri Maltin u disgha u sittin centezmu (Lm178.69) ghad-dannu ta' Bugeja Bros Ltd.

Il-Qorti mitluba sabiex f'kaz ta' htija tikkundanna lill-akkuzat ghall-ispejjes konnessi mal-katra ta' l-esperti jew periti fil-proceduri skond l-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex il-kawza tinstema' sommarjament, mhux opposta.

Semghet lill-imputat fl-udjenza tal-lum jirregistra ammissjoni fl-liema huwa insista anka wara li l-Qorti taghtu zmien jirrikunsidra.

Rat l-atti u d-dokumenti.

Ikkonsidrat:

L-imputat huwa mixli bi truffa taht l-Artikolu 308 tal-Kap. 9.

L-ammissjoni tieghu hi wahda volontarja u inkondizjonata kif jirrizulta wkoll mill-istqarrija minnu rilaxxjata lill-Pulizija.

Tiddeciedi wara li rat l-Artikolu 308 tal-Kap. 9 li tillibera lill-imputat bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kap. 446 ghal sitt xhur sakemm l-imputat ma jikkommettix reat iehor f'dan il-perjodu.

Billi ma sarx nomina ta' esperti tieqaf milli tiehu konjuzzjoni tat-talba tal-prosekuzzjoni dwar l-applikazzjoni tal-Artikolu 533 tal-Kap. 9.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------